MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 709/2012

**Reuben u Lara konjugi Bonett**
**Vs**
**Paul Fenech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi qed jitolbu lill-konvenut jhallas is-somma t’ elf erba’ mija u tmienja u disghin ewro (€1498) li jipprezentaw somma li hallsu lilu bhala depozitu akkont tal-prezz ta’ xoghol ta’ ghamara li kellu jikkonsenjaha u li sallum ghadu ma wettaqx dan; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ zewg ittri legali datati 11 ta’ Gunju, 2012 u 7 t’Awwissu 2012 u bl-imghax mid-data tal-hlas u cjoe Awwissu 2011 sad-data tal-effettiv pagament.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil- 5 ta' Frar, 2013 mill-Avukat Matthew Bondin u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont t' elf erba' mija u tmienja u disghin ewro (€1498) u dan bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' zewg ittri legali datati 11 ta' Gunju, 2012 u 7 t'Awwissu 2012 u bl-imghax mid-data tal-hlas u cjoe Awwissu 2011 sad-data tal-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------